MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 253/1996/1

**Gaba Diamonds Co. Ltd**

**Vs**

**Arthur Castillo**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Jannar 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala '*salesman*', lil diversi hwienet tal-gioellerija ta' oggetti importati jew mahduma mill—istess socjeta`;

Premess ukoll illi l-konvenut kien responsabbli ghat-tehid ta’ ordinijiet ta’ l—istess gioelleriji u ghall-gbir ta’ flus minghandhom appartenenti lis—socjeta` attrici;

Premess ukoll illi fiz-zmien meta l-konvenut spicca mill-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici huwa kien ghad kellu jigbor jew fil-fatt gabar u zamm ghalih is-somma komplessiva ta’ Lm5001.63,5 (hamest elef u lira Maltija, tlieta u sittin centezmu u hames millezmi) minghand diversi gioelleriji;

Premess ukoll illi l-istess konvenut huwa wkoll debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm1791.09 (elf, seba’ mija u wiehed u disghin lira maltija u disa’ millezmi) prezz ta’ fidda lilu kkonsenjata u mhux ritornata oltre Lm763.49 (seba’ mija u tlieta u sittin lira maltija u disgha u erbghin centezmu) rapprezentanti dana l-ammont diversi hlasijiet ta’ bolol tas-sigurta` socjali, u *insurance* u licenzja tal—vettura tal-konvenut li s-socjeta` attrici effettwat f’ isem il-konvenut;

Premess illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis—somma komplessiva ta’ Lm7556.21,5 (sebat elef, hames mija u sitta u hamsin lira maltija u wiehed u ghoxrin centezmu u hames millezmi) liema ammont l-istess konvenut qed jirrifjuta li jhallas;

Premess ukoll illi l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu ‘*safe’* proprjeta` ta’ l-attur *nomine* li jiswa cirka sitt mitt lira maltija (Lm600);

Premess illi s-socjeta` attrici gia nterpellat lill-konvenut sabiex huwa jhallas il-flus dovuti u jirritonna s-*safe* jew il-valur tieghu u nonostante dan huwa baqgha inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta’ Lm7556.21,5 (sebat elef, hames mija u sitta u hamsin lira maltija wiehed u ghoxrin

centezmu u hames millezmi) dovuta kwantu ghal Lm5001.63,5 (hamest elef u lira maltija, tlieta u sittin centezmu u hames millezmi) flus li kellu jigbor jew gabar u zamm ghalih il-konvenut minghand diversi gioelleriji; LM1791.09 (elf, seba' mija u wiehed u disghin lira maltija u disa' centezmi) prezz ta' fidda mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u kwantu ghal Lm763.43 (seba' mija u tlieta u sittin lira maltija u tlieta u erbghin centezmu) hlasijiet li saru mis—socjeta` attrici f'isem il-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lis-socjeta` attrici s-*safe* li jinsab fil-pussess tieghu u jekk dan mhux possibbli tikkundannah jirrifondi l-valur ta' l—istess u cioe' Lm600 (sitt mitt lira maltija);

Bl—ispejjez tal—prezenti, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-prezenti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut,ipprezentata fit-8 ta' April 1996, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ammont ta' flus u s-*safe* pretizi mis-socjeta` attrici f' din il-kawza mhux dovuti;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Minn ezami tar-rizultanzi probatorji huwa bil-wisq evidenti illi f' dan il-kaz ghandek zewg versjonijiet dijametrikalment kontraddistinti wahda mill-ohra. Meta dan jokkorri s-soluzzjoni certament mhix wahda facli in kwantu l-provi akkwiziti jridu jitkejlu bil-mizien tal-kredibilita`. Dan, *multo magis*, imbaghad, fejn jezistu pretensjonijiet multipli, u allura l-mizien kapaci joxxilla naha jew ohra skond kemm it-tezi ta' naha jew ta' l-ohra tirrizulta plawsibbli u verosimili. Hu l-kompitu tal-Qorti li skond l-ahjar dehen taghha, u skond ic-cirkostanzi partikulari, taghti dak l-affidament u takkorda dik il-kredibilita` lill-versjoni l-wahda jew l-ohra. Naturalment f' dan l-ezercizzju l-Qorti ghandha dejjem izzomm *in mente* l-enuncjazzjoni wisq logika illi "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b' koxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*". (**Kollez. Vol. L P II p 440**);

Precizata din l-introduzzjoni, hemm bzonn qabel xejn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghal din il-kawza:-

(1) Il-konvenut jiddikjara fl-Affidavit tieghu (fol. 26) illi hu kien impjegat mas-socjeta` attrici mit-28 ta' Mejju 1988 sa Frar 1995. Ma kienx salarjat izda kien intitolat ghal kummissjoni ta' hamsa fil-mija (5%) fuq flejjes li jkun gabar mill-bejgh tal-prodotti tas-socjeta` attrici. Hu kien jirritjeni din il-kummissjoni mill-flejjes migbura fl-ahhar ta' kull xahar u minnha kien inaqqas il-kontribuzzjoni statali tas-sigurta`. Izid jghid li kwantu ghall-*insurance* u l-licenzja tal-vettura dawn kellhom jithallsu mill-kumpanija biex ipatti ghal fatt li kien juza l-karozza privata tieghu u l-hlas ta' kull gimgha li kien isir lil *salesmen* ohra tal-kumpanija;

(2) Il-konvenut, imbaghad, jghaddi biex jaghti spjega ta' l-opposizzjoni tieghu ghal certi rjus ta' pretensjonijiet imressqa fil-konfront tieghu mis-socjeta` attrici. In breve, huwa jiddikjara dan:-

(a) Rigward is-somma ta' Lm1791.09 valur ta' fidda li zamm ghandu huwa jghid li ghamel dan ghaliex kien ghadu dovut precentwali ta' *commission* fuq fidda li kien biegh lil tal-hwienet. Skond hu din kienet tlahhaq sitt elef lira (Lm6000) pero` kien kuntent li jzomm il-fidda ghall-valur imsemmi *in final settlement*. Jghid ukoll li fuq hekk kien hemm akkordju mad-dirigenti tal-kumpanija;

(b) Ghadda mbaghad biex jitratta dwar somom specifici dovuti mis-City Jewellers, Strand Jewellers u Glenn Debattista li huwa jikkontendi li qatt ma gabar jew zamm ghandu flejjes ghall-*items* mibjugha lil dawn. Similment, iddikjara fir-rigward ta' kazijiet specifici ohra;

(c) Kwantu ghas-*safe* hu jghid li dan gie moghti lilu meta l-kumpanija garret ghall-ufficini ohra. Bi tpattija huwa rregala vetrina antika lid-direttur Albert Satariano;

(3) Kontro-ezaminat, il-konvenut jinnega li hu kien *freelance salesman* in kwantu hu kien marbut li jbiegh prodotti tal-kumpanija attrici biss (fol. 50). Fir-rigward esebixxa dokument ta' l-ETC (fol. 72). Kif tenna fl-Affidavit huwa rrepeta illi l-procedura ta' l-operat tieghu kienet dik illi meta jigbor il-hlas minghand tal-hanut kien johrog ricevuta ntestata f' isem il-kumpanija u kopja taghha tinghata lis-socjeta` attrici (fol. 67);

Minn naha taghha s-socjeta` attrici tipprovdi din il-versjoni tal-fatti:-

Skond l-Affidavit ta' Arthur Satariano (fol. 42):

(1) Il-kumpanija qatt ma obbligat ruhha li thallas l-*insurance* tal-vettura tal-konvenut. Huma kienu accettaw li jhallsu l-*insurance* tal-vetturi tal-kumpanija, tad-diretturi u ta' impjegati ohra bhala "*fleet*" pero` imbaghad kellu jkun hemm spartizzjoni ta' dak dovut;

(2) Kwantu ghal hlas tal-bolol kien ghad baqa' ammont dovut mill-konvenut;

(3) Il-konvenut, oltre li ammetta li zamm ghandu l-fidda valorizzata Lm1791.09, kien responsabbli li jigbor il-flejjes dovuti minghand tal-hwienet;

Dejjem ukoll skond Albert Satariano, direttur iehor tas-socjeta` attrici u ziju tal-konvenut, l-arrangament li l-kumpanija kellha mal-konvenut kienet din. Din tghaddilu l-prodott versu certu prezz, hu jzid fuqu u din iz-zieda kienet tirrapprezenta l-kummissjoni tieghu (fol. 100, *in calce*). Jghid ukoll li testizi dokumentazzjoni li tal-hwienet hallsu l-flus izda l-konvenut qatt ma raddhom lill-kumpanija. L-istess xhud jinsisti wkoll li s-*safe* kellu jigi ritornat lura u li l-ispejjez kollha inkorsi - licenzja, assigurazzjoni u bolol - kellhom jinqatghu mill-kummissjoni li kien jaqla l-konvenut;

Premessi dawn il-provi, jokkorri qabel xejn li jigi ribadit il-principju illi dak li jallega hu gravat bl-oneru li jgib prova tal-fatt kostituttiv in sostenn ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni, skond il-kaz. In linea preliminari jinkombi b' obbligu fuq is-socjeta` attrici li tipprova adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tat-talbiet taghha ghax hija hi li qed tallega li l-konvenut huwa debitur taghha. Tajjeb ukoll li jinzamm in mira illi fatt allegat jitqies sufficcjentement pruvat meta l-gudikant ikun akkwista bil-provi fornuti fil-gudizzju c-certezza morali tal-verita` tal-fatti;

Il-Qorti ezaminat l-atti u wara li hasbet bir-reqqa fuq il-provi dedotti mill-kontendenti qed tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar is-singoli rjus ta' l-ammonti reklamati;

I. Kwantu għas-somma ta' ħamest elef u lira, tlieta u sittin ċentezmu u ħames millezmi (Lm5001.63,5) li hu allegat li kellha tingabar mingħand tal-ħwienet, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi kuntrarjament għal dak dikjarat mix-xhud Arthur Satariano mhux aċċettabbli illi l-konvenut, anke wara li temm kull rapport, kellu jkompli jitqies responsabbli għal għbir tas-somom dovuti. Dan il-kumpanija tafu, u tafu sew tant li hi stess kienet emettiet avviż datat 1 ta' Marzu 1995 għall-attenzjoni ta' l-istess gesturi tal-ħwienet illi l-ħlasijiet kellhom jibdew isiru lis-*salesmen* speċifikati f' dan l-istess avviż (ara dokument a fol. 65). In aggunta ma' dan hemm id-deposizzjoni ta' l-Avukat George Cutajar (fol. 108) konfermanti l-fatt illi l-kumpanija kienet ġabret parti mis-somma reklamata u li l-bilanċ dovut kien issa jlaħħaq elfejn sitt mija u għoxrin lira, erbgħa u sebgħin ċentezmu u ħames millezmi (Lm2620.74,5);

Dippju wkoll, il-Qorti mhix konvinta illi l-konvenut ġabar flejjes li hu naqas li jgħaddi lill-kumpanija. Ibda biex id-dokumentazzjoni li x-xhud Albert Satariano jaċċenna għaliha fix-xhieda tiegħu in sostenn ta' din l-allegazzjoni qatt ma ġiet esebita. Lanqas ukoll ma ġie prodott ebda sid jew gestur ta' xi wieħed mill-ħwienet biex jissostanzja l-fatt tal-ħlas li skond il-kumpanija attriċi, jingħad li sar lill-konvenut. Fiċ-ċirkostanzi dan għandu jegħleb il-miżien tal-kredibilita` favur il-konvenut, u mhux kontra tiegħu;

(2) L-istess raġonament il-Qorti qed tagħmlu fir-rigward tas-*safe*. Fuq dan il-punt il-Qorti mhux qed tistrieħ fuq l-awtorita` tagħha biss imma ssib element ta' korroborazzjoni fiċ-ċirkostanzi ġenerali tal-każ; in partikulari, in-nuqqas ta' żmentita da parti tax-xhud Albert Satariano ta' dik il-parti tar-rakkont tal-konvenut li tgħid li bi tpattija għall-għoti lilu tas-*safe* hu kien irregalalu vetrina antika;

(3) Mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tas-somom ta' elf seba' mija u wieħed u disgħin lira u disa' ċentezmi (Lm1791.09,0) prezz tal-fidda u ta' seba' mija tlieta u sittin lira u tlieta u erbgħin ċentezmu (Lm763.43,0) rifużjoni ta'

spejjez erogati ghal hlas ta’ boll, licenzja u assigurazzjoni tal-vettura privata tal-konvenut. Din id-deduzzjoni l-Qorti qed tasal ghaliha in bazi ghall-konsiderazzjoni illi mhux plawsibbli li l-konvenut kien sejjer facilment jirrinunzja ghas-somma shiha ta’ kummissjoni (Lm6000) biex sempliciment jikkontenta ruhu biz-zamma tal-fidda valorizzata Lm1791.09. Mhux hekk biss, pero`. Kieku verament fuq dan il-punt, kif allegat minnu, il-konvenut lahaq ftehim mad-diretturi u fil-presenza tas-*saleman* Raymond Camilleri, l-anqas li seta’ jaghmel kien li jikkontroezamina lid-diretturi dwar dan u li jipproduci lill-imsemmi *saleman* biex jikkorrobora din il-versjoni tieghu. Jekk dan ma ghamlux, ma jistax hlief ilum lilu nnifsu jekk il-Qorti ma temmnux. In kwantu, kif mistqarr mill-konvenut, (fol. 67), il-fidda ghada fil-pussess tieghu u ma ddisponiex minnha huwa ghandu jroddha lura lis-socjeta` attrici, jew li jhallas il-valur taghha kif mitlub fic-citazzjoni;

Kwantu ghas-somma ta’ Lm763.43, il-Qorti mhix lesta taccetta bhala argument accettabbli l-iskuzanti illi l-kumpanija kienet qed tassorbi l-ispiza ta’ l-assigurazzjoni u tal-licenzja ghaliex hu ma kienx qed jircievi l-hamsin lira fil-gimgha li kien jircievu *salesmen* ohra. Huwa naqas li jispjega jekk dawn is-*salesmen* kienux bil-paga jew bil-kummissjoni u dippju din il-Qorti takkorda aktar affidament lil dak dikjarat mis-socjeta` attrici dwar l-iskop li l-hlas kien qed isir fl-ewwel lok minnha, presumibilment ghall-iffrankar tal-kwantum tal-*premium*. Jekk imbaghad il-konvenut jippretendi, kif hekk in effetti ppretenda, li l-hlas in meritu kien qed isir mill-kumpanija taht forma ta’ kumpens ghall-*wear and tear* tal-karozza tieghu wzata fl-attivita` tal-bejgh tal-prodotti tal-kumpanija attrici, din hi biss asserzjoni gratuwita u unilaterali, una volta ma kienetx ukoll parti minn xi ftehim milhuq mal-kumpanija.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tieni talba, tilqa’ l-ewwel domanda tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma kumplessiva ta’ elfejn hames

mija, erbgha u hamsin lira Maltija, tnejn u hamsin centezmu (Lm2554.52,0) komposta minn elf seba' mija wiehed u disghin lira u disa' centezmi (Lm1791.09,0) prezz ta' fidda, u seba' mija tlieta u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm763.43,0) spejjez ta' boll, licenzja u assigurazzjoni zborsati mill-kumpanija attrici fl-interess tal-konvenut. Il-Qorti qeghda takkorda lill-konvenut id-dritt li minflok il-hlas ta' Lm1791.09 jikkonsenja l-fidda li, kif mistqarr, ghadha fil-pussess tieghu;

L-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza ghandhom jkunu sopportati mill-kontendenti skond ir-rebh u t-telf.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------